**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 183/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat zzewgu fit-28 ta' Ottubru tas-sena 1995;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal li lkoll jghixu ma l-intimat;
3. Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u l-partijiet ilhom ghal iktar minn erba' snin *de facto* separati;
4. Illi l-partijiet isseparaw legalment meta finalment waslu ghal kuntratt ta' separazzjoni li gie ippubblikat liema kuntratt se jigi ipprezentat fil-mori ta' dawn il-proceduri;
5. Illi l-partijiet ghadhom sal-lum ma irrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;

6. Illi l-partijiet ghandhom dhul ghalihom personali u ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment reciproku u/jew ghall-minuri;
7. Illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda kwistjoni ohra pendenti bejniethom;

Talbet in vista tas-suespost sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, li sehh fit-28 ta' Ottubru 1995, ghall-finijiet u l-effetti ta' l-Artikolu 66A(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(1) tal-Kap. 16 tal-Ligiijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Mejju, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 imsejjah tlett darbiet ma deherx;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Frar 201 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur